TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Victoria Scerri

vs

R & K Ltd / Triple A

CCT 101/22/MS

3 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Lulju 2022 kif sussegwentement konfermat bil-gurament quddiem dan it-Tribunal, fejn talbet is-somma ta' €550.00, prezz ta' fridge mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema fridge zvillupat hsara fil-perjodu tal-garanzija;

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata ma dahlitx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha biex jixhed.

Ra l-atti kollha tai-process.

Sema' x-xiehda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Settembru 2018 ir-rikorrenti xtrat frigg minghand is-socjeta' intimata ghal prezz ta' hames mija u hamsin euro (€550.00) li gie konsenjat fil-11 ta' Settembru 2018, b'hames snin garanzija. Wara xi sena jew sena u nofs, dan beda jaghmel is-silg u gie t-technician fuq il-post li qallha li ma kien xejn. Il-problemi komplew sakemm fl-ahhar il-fridge inbidel f'Novembru 2021. Ir-rikorrenti hallset xi haga izjed tal-flus u xtrat it-tieni fridge, u mill-ewwel bdew il-problemi. Kien jaghmel hafna hsejjes. L-ixkafef ma kienux tieghu u lanqas ma tawha struzzjonijet/ manual. Kien gie technician fuq il-post u ha recording tal-hsejjes.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza r-rikorrenti qed titlob il-kundanna tas-socjeta' intimata ghall-hlas ta' €550.00, prezz ta' frigg li hija xtrat, liema frigg kien difettuz u zviluppa hsara fil-perjodu tal-garanzija. Is-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u ma kkontestatx it-talba.

Illi rrizulta ppruvat illi l-ewwel frigg kien inbidel ghal wiehed gdid f'Novembru 2018, pero' jidher li anke t-tieni fridge zviluppa hsarat mal-ewwel - u cjoe' lejn l-ahhar tas-sena 2021. Dan ifisser illi f'temp ta' inqas minn tlett snin (u allura entro t-terminu tal-garanzija originali ta' hames snin) ir-rikorrenti xtrat zewg fridges minghand is-socjeta' intimat li t-tnejn kienu bil-hsara. Fil-fatt il-kawza saret f'Lulju 2022 u kwindi l-garanzija originali (fuq l-ewwel fridge) kienet ghadha vigenti.

Illi peress illi hadd mis-socjeta' intimata ma deher, it-Tribunal m'ghandux quddiemu versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qieghda tghid ir-rikorrenti li huwa verosímil u anke korroborat minn xhud iehor. Jekk il-bejjiegh irrifjuta li jsewwi l-frigg kwindi kellu jew jaghti r-rikorrenti rimborz, jew inkella jerga' jibdel il-frigg ghal wiehed gdid.

Wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ghandha d-dritt li tigi rimborzata ghall-prezz li hallset. Meta tixtri frigg b'hames snin garanzija, qed tixtri serhan il-mohh, almenu ghal hames snin. Garanzija hija weghda u forma ta' assigurazzjoni mhux biss tal-kwalita' tal-oggett, izda wkoll li jekk ikun hemm bzonn xi tiswijiet f'dik il-perjodu, dawn isiru minghajr hlas, u jekk ma jsirux, l-oggett ghandu jinbidel u fin-nuqqas ikollha dritt ghal rimborz.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata jhallasha s-somma ta' hames mija u hamsin euro (€550.00), bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-frigg wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru